**2 ta' Marzu, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Onor. Prof. Dr. John J. Cremona, B.A., LL.D., B.Litt. (Rome), B.A., Hons. (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist.S. ne.

*versus*

Nutar Dr. John Spiteri Maempel, B.A., LL.D.

**Qorti tar-Reviżjoni tal-Attijiet Notarili — Nutar — Manomorta — Piena — Proklama XXIII tal-1822 — Art. 2 u 5 tal-Kap. 2.**

*L-obbligu li l-liġi dwar il-manomorta tagħmel lin-nutar li, meta jirċievi attijiet li fihom isir akkwist ta' art jew bini minn knejjes jew istituzzjonijiet oħra piji jew reliġjużi, jibgħat lill-Attorney General, fi żmien ħmistax il-ġurnata mid-data tal-att, ċertifikat ta' dan l-akkwist, japplika f'kull każ, u mhux meta l-akkwist isir minn għand persuna barranija biss. Jiġifieri illi dan l-obbligu tan-nutar iseħħ anki meta*

*istituzzjoni pija jew reliġjuża takkwista xi beni stabili minn għand knisja jew istituzzjoni pija jew reliġjuża oħra, fejn il-beni trasferiti jkunu ġa "fuori commercio".*

***Il-piena għal din il-kontravvenzjoni tan-nutar ma għadiex dik tas-sospensjoni tiegħu mill-eżerċizzju tal-professjoni, imma dik tal-ammenda.***

Dan hu appell minn digriet tal-Qorti Kolleġjali tar-Reviżjoni tal-Attijiet Notarili tal-25 ta' Mejju 1961, li bih in-Nutar Dr. John Spiteri Maempel, issa appellat, ġie liberat mill-imputazzjoni illi, kuntrarjament għall-art. 5 tal-Kap. 2 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta, naqas li jibgħat lill-Attorney General, issa appellant, ċertifikat li jindika konċessjoni ta' enfitewsi għal mitt sena tal-utili dominju magħmula mill-Knisja ta' Ħal-Balzan favur is-"Societas Doctrinae Christianae, vulgo M.U.S.E.U.M.", fl-att numru 129;

L-appellant talab li dak id-digriet jiġi revokat u li l-appellat jiġi misjub ħati ta' ksur tad-dispożizzjoni fuq imsemmija u jiġi kundannat għall-piena applikabbli għall-każ; bl-ispejjeż;

L-appellat wieġeb illi dak id-digriet hu ġust u korrett, u jistħoqqlu konferma; bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant;

Id-deċiżjoni appellata ġiet mill-Qorti Kolleġjali tar-Reviżjoni tal-Attijiet Notarili bażata fuq il-konsiderazzjoni illi t-trasferiment sar mill-Knisja ta' Ħal-Balzan lil komunità reliġjuża, u għalhekk il-fond kien ġa "fuori commercio". Dik il-Qorti ċċitat preċedent tagħha stess, ċjoè digriet mogħti minnha fit-18 ta' Frar 1960 fil-konfront tan-Nutar Emmanuele Agius, fejn trasferiment magħmul mill-Prebenda Kanonikali eretta fil-Knisja Kattidrali ta' Malta lill-komunità reliġjuża tal-"Figlie del Sacro Cuore" ġie similment kunsidrat bħala rigwardanti fond li ġa kien "fuori commercio", u kwindi mhux kolpit mid-dispożizzjoni tal-liġi fuq imsemmija (fol. 6);

Din il-Qorti, wara li semgħet it-trattazzjoni u rat l-atti tal-kawża ikkunsidrat kif sejjer jingħad:—

L-art. 5 tal-Proklama Nru. XXIII tal-1822 (Mortmain Law — Kap. 2), li tiegħu l-appellant jippretendi li l-appellat għamel kontravvenzjoni, jeżiġi illi "il-partijiet interessati, jew in-nutari li jirċievu attijiet li bihom isir akkwist ta' art jew bini minn knejjes jew istituzzjonijiet oħra piji jew reliġjużi, għandhom, fi ħmistax il-ġurnata mid-data ta' dak l-att, jibgħatu lill-Attorney General......" iċ-ċertifikat hemm imsemmi, taħt il-piena hemm ukoll imsemmija (salv, rigward din il-piena, dak li ser jingħad);

Kieku wieħed kellu joqgħod fuq din id-dispożizzjoni weħedha, bla ma jqies xejn aktar, ma kienx ikun jista', assolutament, ikun hemm dubju illi l-pretensjoni tal-appellant hi fondata. Infatti, fil-każ preżenti ma jistgħax ikun hemm dubju illi bil-kuntratt eżibit fol. 13 riċevut mill-appellat, sar akkwist tal-utili dominju temporaneu għal mitt sena tal-fond nru. 25 Three Churches Street, Balzan, da parti tas-"Societas Doctrinae Christianae vulgo M.U.S.E.U.M.", li "ex concessis" hi istituzzjoni pija jew reliġjuża. Ma ġiex kontestat illi akkwisti ta' utili dominju jaqgħu taħt din il-liġi. Hu ammess ukoll mill-appellat illi fil-fatt hu ma bagħatx lill-Attorney General iċ-ċertifikat fuq imsemmi;

Fid-dispożizzjoni tal-liġi fuq riportata ma hemm ebda distinzjoni rigward l-oriġini tal-akkwist. Għalhekk, skond dik id-dispożizzjoni, interpretata letteralment u, kif intqal, iżolatament, kull meta hemm att li jimporta akkwist ta' stabili da parti ta' istituzzjoni pija jew reliġjuża, jeħtieġ li n-nutar li jkun irċieva l-att, jew il-partijiet, jibgħatu ċ-ċertifikat tan-nutar lill-Attorney General;

Iżda l-appellat jopponi illi l-interpretazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni ma għandhiex issir b'dan il-mod. Wieħed għandu jħares lejn dik id-dispożizzjoni fil-kontest tal-liġi kollha, u speċjalment, jgħid l-appellat, għandu jittieħed qies tal-iskop li għalieh saret il-liġi. Dan l-iskop, kif ġie mfisser fil-preambolu li kien hemm għal dik il-liġi, kien li jagħti rimedju biex tiġi evitata "la sottrazione......... al commercio ed agli oggetti di generale utilità" ta' beni stabili f'dawn il-Gżejjer, li tiġri bit-trasferiment ta' beni simili fil-poter ta' Knejjes u Istituzzjonijiet Piji oħra. Għalhekk,

bil-ħsieb li jitneħħa dan l-inkonvenjent "senza privare le Chiese od Istituzioni Pie del giusto vantaggio che, consistentemente cogli interessi generali della popolazzione, possono esse ritrarre dalla liberalità u devozione degli individui", ġie provvdut illi beni stabili ta' kull xorta ma jitqiesux li jistgħu jiġu akkwistati minn Knejjes u Istituti oħra Piji jew Reliġjużi, ħlief taħt il-kondizzjoni espressa u pożittiva li l-beni hekk akkwistati, fi żmien sena mill-akkwist, jinbiegħu jew jiġu trasferiti assolutament mill-Knejjes jew Istituzzjonijiet lil xi ħadd li mhux suġġett "alla suddetta limitazione ed intelligenza";

Issa, l-argument tal-appellat hu dan. Fil-każ preżenti, l-istabili in kwistjoni kien diġa', u kien ilu fuq mitt sena (ara kuntratt fol. 16), fil-poter tal-Knisja ta' Ħal-Balzan, u f'dan is-sens kien diġa' sottratt għall-kummerċ. Nozzjonalment, iżid jgħid l-appellat il-Knisja Universali hi waħda. Għalhekk, meta bl-att in kwistjoni dak l-istabili ġie trasferit lill-"M.U.S.E.U.M.", li hu enti piju jew reliġjuż kanonikament erett, l-istess stabili sostanzjalment kien qiegħed jibqa' fil-poter tal-Knisja kunsidrata bħala korp wieħed. Il-"M.U.S.E.U.M." b'dan l-akkwist ma kien qiegħed jissottraji xejn ġdid mill-kummerċ jew mill-iskopi ta' utilità ġenerali; u dak l-akkwist, għalhekk, ma kienx jaqa' taħt l-imsemmija kondizzjoni li tipprojbixxi akkwisti minn Knejjes jew Istituzzjonijiet Piji jew Reliġjużi ħlief bl-obbligu li jittrasferuhom fi żmien sena. Jekk dan hu hekk, hu ma kienx obbligat jibgħat lill-Attorney General iċ-ċertifikat fuq imsemmi skond l-art. 5 tal-liġi, għaliex, non ostante l-kliem ta' dak l-artikolu, li jidher ġenerali u komprensiv ta' kull akkwist, għandu jitqies illi dak il-kliem jirriferixxi biss għall-akkwisti magħmulin minn Knejjes jew Istituzzjonijiet Piji jew Reliġjużi ta' stabili li fil-mument tal-akkwist ikunu għadhom fil-kummerċ, u mhux ta' stabili li jkunu ġa posseduti minn Knisja jew Istituzzjoni oħra Pija jew Reliġjuża. L-imsemmi art. 5 għandu jinqara fid-dawl tal-imsemmi skop tal-liġi; b'mod — jikkonkjudi l-appellat — illi, jekk l-akkwist ma' jaqgħax taħt id-dispożizzjoni tal-art. 2 tal-liġi, anqas jista' jaqa' taħt l-art. 5;

L-argument tal-appellat hu ċertament qawwi. B'dan kollu il-Qorti, wara li ħasbet bir-reqqa, hi ta' fehma illi

quddiem il-kliem ċar u espress tad-dispożizzjoni tal-liġi, dak l-argument ma jistgħax jiġi aċċettat. Dan mhux każ fejn il-kliem hu oskur jew ambigwu, jew fejn l-interpretazzjoni grammatikali toħloq konflitt mal-intenzjoni magħrufa tal-leġislatur. Mhux biss il-kliem tal-liġi hu kategoriku u ma jagħmel ebda distinzjoni (u kwindi anqas il-Qorti ma tista' tagħmel distinzjoni Vol. XXXI-IV-539-558), iżda talli bl-interpretazzjoni letterali u grammatikali l-iskop tal-liġi flok jiġi sfrattat jew imfixkel, jidher li jiġi aktar effettwat;

Għad illi hu ċertament veru illi l-Knisja bħala korp universali hi waħda, b'mod illi, kif ingħad fil-kawża "Fenech vs. Mons. Depiro ne." 15.5. 1923 (Vol. XXV-II-330), "è noto in diritto canonico il principio assiomatico che tutta la proprietà del beni ecclesiastici, anche di quelli temporali, fa capo al sommo Pontefice. che vi esercita una suprema autorità", b'dan kollu, kif ġie rilevat fl-istess sentenza, subordinatament għal dik is-suprema awtorità, "i beni ecclesiastici appartengono all'ente morale al quale siano legittimamente pervenuti per qualsiasi modo di acquisto. Come si esprime il canone 1499, 2do. paragrafo, del Nuovo Codice di Diritto Canonico "dominium bonorum, sub suprema auctoritate Sedis Apostolicae, ad eam pertinent moralem personam quae eadem bona legitime adquisiverit";

Issa, il-liġi, kif jidher mill-kliem tagħha, inklużi l-istess kliem tal-preambolu, mhix tikkunsidra l-Knisja bħala korp universali wieħed, iżda tikkunsidra l-knejjes u l-istituzzjonijiet oħra piji jew reliġjużi bħala suġġetti individwali kapaċi li jagħmlu akkwisti ta' proprjetà. U għal kull akkwist li jsir minn wieħed jew ieħor minn dawn id-diversi enti trid li jinbagħat l-avviż;

Għal finijiet ċivili ta' akkwist u pussess ta' proprjetà, il-"M.U.S.E.U.M." hu persuna ġuridika distinta mill-Knisja Parrokkjali ta' Ħal-Balzan. Bit-teżi tal-appellat, kien ikollu jingħad illi anqas sar trasferiment u akkwist, għax persuna ma tistgħax tittrasferixxi lilha nnfisha u takkwista minn għandha stess. Iżda jidher ċar illi. għall-finijiet ċivili, bil-kuntratt in kwistjoni fil-fatt ġie operat trasferiment veru u reali da parti tal-konċedent u akkwist veru u reali da parti tal-akkwirent, tal-istabili oġġett tiegħu;

Issa, l-art. 5 tal-liġi jgħid, kif ġa ntqal, illi kull att li *jimporta akkwist ta' stabili minn istituzzjoni pija għandu* jiġi denunzjat lill-Attorney General. Apparti d-dispożizzjoni tal-art. 2, li mhix in kwistjoni f'din il-kawża, l-art. 5 għandu funzjoni ta' kontroll u amministrazzjoni, u ma jidherx illi l-operazzjoni tal-kliem tiegħu tista' tiġi leġittimament ristretta kif suġġerit mill-appellat. A propożitu, il-Qorti jidhrilha li jista' jinġibed argument favur l-opinjoni li qegħdha tabbraċċja mill-art. 7(4). Għalkemm id-dispożizzjonijiet tat-Tieni Parti tal-liġi ġew introdotti wara fil-liġi oriġinali, u l-imsemmi subartikolu (4) tal-art. 7 hu, *terġa' emenda li saret sussegwentement f'din l-istess Tieni* Parti, il-Qorti taħseb li l-argument li jista' jinġibed hu b'dan kollu validu. Anki stess meta akkwist ta' stabili hu eżenti mid-dispożizzjonijiet tal-Ewwel Parti tal-liġi skond l-art. 7(1), in-nutar li jirċievi l-att hu ċjononostanti obligat li jibgħat lill-Attorney General ċertifikat tal-akkwist. Dan isir biex dak l-Uffiċjal Publiku, li bil-liġi hu nkarigat mill-amministrazzjoni u eżekuzzjoni tagħha, jista' jkollu reġistrazzjonijiet kompleti tal-akkwisti kollha magħmulin minn Knejjes jew Istituzzjonijiet oħra Piji jew Reliġjużi;

Il-Qorti jidhrilha illi, ankorkè kellu jingħad, għall-grazzja tal-argument, illi l-akkwist magħmul mil-"M.U.S.E.U.M." ma jaqgħax taħt l-art. 2 tal-liġi (fuq din il-kwistjoni ma hi tesprimi ebda opinjoni), eppure l-appellat kien obligat li jagħmel d-denunzja tiegħu lill-Attorney General skond l-art. 5;

Għalhekk, kwantu għall-meritu. l-appell jistħoqqlu li jiġi milqugħ. Għandu jiġi rilevat, kif din il-Qorti rrilevat fil-kawża *"Onor. Prof. Cremona vs Nutar Agius", 7.11.1960*, illi obligu li għal dik li hi s-sustanza rilevanti tiegħu hu identiku għal dak impost bl-imsemmi art. 5 tal-Liġi tal-Manomorta, ġie ri-impost fuq in-nutar bl-art. 51 tal-Kap. 92. Dan l-artikolu jirrikjedi illi kull nutar għandu, fi żmien ħmistax il-ġurnata mir-riċezzjoni ta' att fost il-ħajjin, jew mil-ftuħ ta' testment sigriet li jkun fih trasferiment ta' beni stabili favur ta' knisja jew istituzzjoni oħra pija jew reliġjuża, jagħti nota ta' dak it-trasferiment lill-Attorney General. Anqas f'din id-dispożizzjoni ma hemm ebda distinzjoni jew limitazzjoni; *l-obligu hu magħmul għal kull*

akkwist indipendentement mill-fatt illi t-trasferiment ikun sar minn Knisja oħra jew Istituzzjoni Pija jew Reliġjuża oħra;

Kwantu għall-piena, bis-sentenza issa msemmija din il-Qorti rriteniet illi s-sanzjoni provvduta fl-art. 5 tal-liġi dwar il-Manomorta, ċjoè s-sospensjoni tan-nutar mill-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu, għandha titqies revokata, u li l-piena applikabbli hi issa dik kontemplata fl-art. 133(2) tal-Kap. 92 dwar il-Professjoni Notarili u l-Arkivji Notarili;

*Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa'* l-appell, tirrevoka fil-parti devoluta lilha d-digriet appellat, tiddikjara lill-appellat ħati tal-kontravvenzjoni li naqas li jibgħat lill-Attorney General iċ-ċertifikat tal-akkwist in kwistjoni, u tikkundannah għall-piena tal-ammenda ta' 10s. L-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, speċjalment in vista li l-appellat seta' ġie nfluwenzat bid-deċiżjoni fil-każ imsemmi fol. 6, jibqgħu bla taxxa; id-dritt tar-Reġistru jitħallas bin-nofs.